VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,399, 27 ta' Marzu, 2015
Taqsima B

A.L. 112 tal-2015

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA (KAP. 497)

Regolamenti tal-2015 dwar Bord ta' Reviżjoni dwar l-Akkwist ta' Konċessjonijiet tas-Servizzi tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 49 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-Prim Ministru għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

TAQSIMA I

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2015 dwar Bord ta' Reviżjoni dwar l-Akkwist ta' Konċessjonijiet tas-Servizzi tas-Saħħa.

Tifsir.

2. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"aġenzija tal-Gvern" jew "aġenzija" tfisser korp kif imsemmi fir-Raba' Skeda li tinsab mal-Att;

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika; Kap. 497.

"Bord" tfisser il-bord imwaqqaf skont ir-regolament 4;

"dipartiment tal-gvern" jew "dipartiment" tfisser kull entità fis-Servizz Pubbliku elenkata fit-Tieni Skeda li tinsab mal-Att;

"entità ta' akkwist" tfisser il-Gvern, kull dipartiment tal-Gvern, aġenzija tal-Gvern jew entità tal-Gvern;

"entità tal-Gvern" tfisser organizzazzjoni, li ma tkunx dipartiment tal-Gvern, aġenzija tal-Gvern jew soċjetà kummerċjali, li fiha l-Gvern ikollu kontroll effettiv, sew jekk dik l-organizzazzjoni tkun jew ma tkunx imwaqqfa b'liġi;

"ġranet tax-xogħol" tfisser il-ġranet kollha minbarra is-Sibt, il-Ħadd jew xi btala pubblika jew btajjel nazzjonali f'Malta;

"kandidat" tfisser persuna fiżika jew ġuridika jew entità jew grupp ta' dawk il-persuni u, jew korpi li jipparteċipaw fi proċedura ta'

akkwist, inklużi bla limitazzjonijiet, kull persuna aggravata li għandha jew kellha interess li tiġi mogħtija xi kuntratt partikolari;

"kandidat rakkomandat" tfisser il-kandidat li kien ġie indikat fid-deċiżjoni ta' aġġudikazzjoni tal-entità tal-akkwist bħala dak li lilu kellu jingħata l-kuntratt;

"Kostituzzjoni" tfisser il-Kostituzzjoni ta' Malta;

"kuntratt" tfisser kull kuntratt b'interess ta' flus li jsir bil-miktub bejn operatur ekonomiku wieħed jew iżjed u entità tal-akkwist waħda jew iżjed li jkollu bħala l-għan ewlieni tiegħu l-inkarigu tal-provvista u l-immaniġġjar ta' servizzi tas-saħħa u oħrajn anċillari lil wieħed, jew iżjed minn dawn l-operaturi ekonomiċi, li l-korrispettiv għalihom ikun jikkonsisti unikament fid-dritt ta' sfruttament tal-istess servizzi li huma suġġetti għall-kuntratt, jew f'dan id-dritt flimkien ma' ħlas;

"persuna li tagħmel ilment" tfisser kull kandidat li jippreżenta ilment lill-Bord skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 30;

"proċedura ta' akkwist" tfisser proċess mibdi minn entità ta' akkwist għall-għotja ta' kuntratt u liema proċess ma jaqax taħt ir-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi u taħt ir-Regolamenti dwar l-Akkwisti Pubbliċi ta' Entitajiet li joperaw fis-settur tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u s-Servizzi Postali;

L.S. 174.04
L.S. 174.06

"Segretarju" tfisser is-Segretarju tal-Bord;

"Servizz Pubbliku" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha bil-Kostituzzjoni, iżda, għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti għandha tinftiehem skont l-artikolu 2(2) tal-Att.

Skop.

3. Dawn ir-regolamenti jipprovdu sabiex jiġu determinati ilmenti minn kandidati kontra kull deċiżjoni ta' entità ta' akkwist dwar il-proċedura ta' akkwist, inkluża kull deċiżjoni li tiskwalifika u, jew teskludi xi kandidat minn xi proċedura ta' akkwist, kull deċiżjoni ta' għotja ta' kuntratt, u kull inklużjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi, ekonomiċi jew finanzjarji f'sejħa għall-offerti, dokumenti ta' kuntratt jew f'kull dokument ieħor li għandu x'jaqsam ma' din il-proċedura.

Twaqqif tal-Bord ta' Reviżjoni dwar l-Akkwist ta' Konċessjonijiet tas-Servizzi tas-Saħħa.

4. Għandu jitwaqqaf bord ta' reviżjoni li għandu jkun magħruf bħala l-Bord ta' Reviżjoni dwar l-Akkwist ta' Konċessjonijiet tas-Servizzi tas-Saħħa li għandu jkun regolat skont dawn ir-regolamenti.

Funzjonijiet tal-Bord.

5. Għandha tkun il-funzjoni tal-Bord li jisma' u jiddeċiedi lmenti preżentati minn kandidati skont ir-regolamenti 30 u 31.

Proċeduri ta' akkwist għar-reviżjoni tal-Bord.

6. Entità ta' akkwist tista' tagħti d-drittijiet ta' reviżjoni msemmija f'dawn ir-regolamenti billi tinkludi referenza speċifika fis-sejħa għall-offerti jew f'talba għall-proposti, u f'dawn il-każijiet għandha tinkludi kopja tat-Taqsima III ta' dawn ir-regolamenti mal-istess dokument. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għal proċeduri ta' akkwist li jkunu bdew qabel il-promulgazzjoni ta' dawn ir-regolamenti jekk l-entità ta' akkwist tinnotifika lill-kandidati li hija tissottometti ruħha għall-ġurisdizzjoni tal-Bord fir-rigward tal-proċedura ta' akkwist rilevanti.

TAQSIMA II

Kompożizzjoni u Setgħat tal-Bord

Kompożizzjoni tal-Bord.

7. Il-Bord għandu jkun kompost minn *Chairperson* u żewġ membri oħra li għandhom ikunu maħtura mill-Prim Ministru għal perjodu ta' tliet snin, liema perjodu ma jistax jiġi estiż jew imġedded.

Ħatra ta' *Chairperson* tal-Bord.

8. Persuna ma tkunx kwalifikata biex tkun maħtura bħala *Chairperson* tal-Bord sakemm ma tkunx eżerċitat bħala avukat f'Malta għal perjodu ta', jew perjodi sħaħ li jammontaw għal, mhux inqas minn seba' snin.

Ħatra ta' membri tal-Bord.

9. Persuna ma tkunx kwalifikata biex tkun maħtura jew tkompli żżomm il-kariga ta' membru tal-Bord, jekk tkun:

(a) Ministru, Segretarju Parlamentari, Membru tal-Kamra tad-Deputati, jew tal-Parlament Ewropew jew ta' Kunsill Lokali, uffiċjal pubbliku jew impjegat ta' xi entità jew xi aġenzija tal-gvern; jew

(b) instabet ħatja ta' xi reat punibbli bi priġunerija għal kull żmien li jkun; jew

(ċ) skwalifikata milli tiġi eletta bħala membru tal-Kamra tad-Deputati għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 54(1)(a), (ċ), (d), (e), (f), (g) jew (h) tal-Kostituzzjoni.

Skwalifika ta' membri tal-Bord.

10. Persuna għandha tkun skwalifikata milli tkun maħtura jew tkompli tkun membru tal-Bord jekk ikollha xi interess finanzjarju, ekonomiku jew xi interess personali ieħor li x'aktarx jippreġudika l-qadi xieraq tal-funzjonijiet tagħha bħala membru tal-Bord.

Tneħħija mill-kariga.

11. Iċ-*Chairperson* jew membri oħra tal-Bord jistgħu jitneħħew individwalment mill-kariga mill-Prim Ministru minħabba f'inkapaċità ppruvata li jaqdu d-dmirijiet ta' dik il-kariga (sew minħabba f'mard mentali jew korporali jew għal xi raġuni oħra) jew minħabba f'imġiba ħażina ppruvata.

Skwalifika mill-parteċipazzjoni fi smigħ ta' lmenti.

12. Iċ-*Chairperson* jew membru ieħor tal-Bord ikun skwalifikat mis-smigħ tal-ilment f'dawk iċ-ċirkostanzi li kieku jiskwalifikaw maġistrat jew imħallef f'kawża ċivili.

Interess dirett jew indirett f'kuntratt.

13. Membru tal-Bord li jista' jkollu xi interess dirett jew indirett f'xi kuntratt li jkun fil-qofol ta' xi lment għandu jgħarraf bil-miktub liċ-*Chairperson* b'dak l-interess li jkollu u f'dak il-każ il-membru jiġi prekluż milli jkompli jipparteċipa fis-smigħ tal-ilment.

Sostituti.

14. Il-Prim Ministru jista' jaħtar persuna sostitut, jew dak l-għadd ta' persuni sostituti, bħala *Chairperson* u bħala membri tal-Bord, u f'dak il-każ il-membri jibqgħu f'dik il-kariga matul dak iż-żmien li jiġi hekk stabbilit minn qabel, skont dak it-tqassim ta' dmirijiet, inklużi dispożizzjonijiet dwar l-inkapaċità ta' membri li jservu u ċirkostanzi oħra, hekk kif jistgħu jiġu stabbiliti mill-Prim Ministru.

Segretarju.

15. Il-Bord għandu jkun assistit minn Segretarju.

Rimunerazzjoni.

16. Il-membri tal-Bord għandhom jirċievu dik ir-rimunerazzjoni li l-Prim Ministru jista' jiddetermina minn żmien għal żmien b'ordni ppublikata fil-Gazzetta. Din ir-rimunerazzjoni ma tistax tinbidel għall-iżvantaġġ tal-membri matul il-perjodu tal-kariga tagħhom.

Responsabbiltà.

17. Il-membri tal-Bord m'għandhomx jinżammu personalment responsabbli għal xi att jew ommissjoni li jsiru b'bona fede waqt li jkunu qegħdin jaqdu dmirijiethom bħala membri tal-Bord.

Setgħat tal-Bord.

18. Il-Bord jkollu s-setgħa li jħarrek xhieda, jamministra ġuramenti u li jikseb parir espert minn barra l-entità li tkun qed tagħmel l-akkwist biex jassistih fl-investigazzjonijiet tiegħu.

Sessjonijiet tal-Bord.

19. Is-sessjonijiet tal-Bord li matulhom jinstema' l-ilment għandhom isiru bil-miftuħ. Kemm min ikun qed jagħmel l-ilment u kemm il-kandidat rakkomandat, jekk ikun hemm, ikollhom il-jedd li jattendu u li jkollhom magħhom persuna, professjonali jew xort'oħra, li huma jqisu li tkun xierqa biex tiddefendi l-interessi tagħhom.

Setgħa taċ-*Chairperson* biex tiġi stabbilita l-proċedura għas-smigħ.

20. Iċ-*Chairperson* għandu s-setgħa li jistabbilixxi l-proċedura għas-smigħ tal-ilmenti kollha li jsiru lill-Bord u għandu jiżgura li matul is-smigħ li jsir bil-miftuħ kull parti li jkollha interess tingħata l-opportunità li tressaq il-każ tagħha.

Reviżjoni.

21. Ir-reviżjoni għandha ssir mill-Bord qabel ma jibda l-istadju li jmiss tal-proċess ta' aġġudikazzjoni u, jew qabel l-għotja tal-kuntratt skont kif ikun il-każ.

22. Il-proċedura li għandha tiġi segwita mill-Bord għandha tikkonsisti f'reviżjoni tad-deċiżjoni tal-bord tal-aġġudikazzjoni sabiex jiġi determinat jekk id-deċiżjoni kinitx, fis-sustanza, skont il-liġi u d-dokumentazzjoni li jirregolaw il-proċedura tal-akkwist rilevanti. Il-Bord m'għandux jissostitwixxi id-diskrezzjoni tiegħu għal dik tal-bord tal-aġġudikazzjoni. Proċedura segwita mill-Bord.

23. Fit-twettiq tal-obbligu msemmi fir-regolament 22, kull membru tal-Bord jista' jagħmel mistoqsijiet xierqa lir-rappreżentant ta' xi entità ta' akkwist kif ukoll lill-membri tal-bordijiet aġġudikanti rispettivi u li jirrikorri għad-dokumentazzjoni kollha rilevanti. Jedd għal mistoqsijiet xierqa.

24. Meta jlesti mir-reviżjoni tal-ilment, il-Bord jista' jagħmel waħda jew iżjed minn dawn li ġejjin: Azzjoni meħuda mill-Bord.

(a) jannulla kwalunkwe ħaġa li tkun għamlet l-entità ta' akkwist fil-proċedura tal-akkwist, inkluż li jannulla l-proċedura tal-akkwist fl-intier tagħha; u

(b) jagħti direzzjonijiet lill-entità ta' akkwist fir-rigward ta' dak kollu li jrid isir jew isir mill-ġdid fil-proċedura tal-akkwist.

25. Il-Bord jista' jiddeċiedi li jikkonċedi miżuri *ad interim* jekk, wara li jkun ikkunsidra l-konsegwenzi probabbli tal-miżuri dwar l-interessi kollha li x'aktarx issirilhom ħsara, flimkien mal-interess pubbliku involut, jikkonkludi li l-benefiċċji tal-miżuri għandhom jeċċedu l-konsegwenzi negattivi tagħhom. Miżuri *ad interim*.

26. Id-deċiżjoni tal-Bord għandha tkun finali safejn tkun tikkonċerna l-għotja tal-kuntratt rilevanti u, jew l-iskwalifika minn jew l-integrazzjoni mill-ġdid ta' kandidat fil-proċedura tal-akkwist: Deċiżjonijiet tal-Bord.

Iżda, minkejja d-drittijiet tal-kandidat skont it-Taqsima IV, l-entità ta' akkwist għandha l-awtorità li tipproċedi bil-proċedura tal-akkwist, inkluż l-għotja u l-eżekuzzjoni tal-kuntratt ma' kandidat, hekk kif id-deċiżjoni tal-Bord tkun pubblikata u notifikata lill-partijiet kollha interessati:

Iżda wkoll il-kandidati jkunu projbiti milli jitolbu xi qorti li toħroġ mandati kawtelatorji kontra l-entità ta' akkwist sabiex iwaqqfu lill-entità ta' akkwist milli tipproċedi bil-proċedura ta' akkwist, inkluż l-għotja u l-eżekuzzjoni tal-kuntratt ma' kandidat.

27. Id-deċiżjonijiet tal-Bord għandhom preferibbilment ikunu unanimi: Unanimità.

Iżda d-deċiżjonijiet li jittieħdu b'maġġoranza għandhom ikunu finali u konklużivi fir-rigward tal-għoti tal-kuntratt:

Iżda wkoll iċ-*Chairperson* u ż-żewġ membri l-oħra għandu jkollhom vot kull wieħed.

Forma ta' deċiżjonijiet meħuda.

28. Id-deċiżjonijiet kollha li jittieħdu mill-Bord għandhom jitniżżlu bil-miktub, jiġu ffirmati mill-membri kollha tal-Bord u datati. Il-Bord għandu jindika r-raġunijiet li jkunu wasslu għal dik id-deċiżjoni u d-deċiżjoni għandha tinkludi l-konklużjonijiet, li għandhom jorbtu lill-entità ta' akkwist u lill-kandidati kollha involuti.

Rifużjoni ta' depożiti.

29. Fid-deċiżjoni tiegħu, il-Bord għandu jiddeċiedi jekk depożitu li jkun sar mill-kandidat skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 31 għandux jingħata lura, kollu kemm hu jew parti minnu, jew xort'oħra, billi jagħti raġunijiet bil-miktub għal dik id-deċiżjoni, u d-deċiżjoni tal-Bord għandha tkun finali u torbot.

TAQSIMA III

Proċedura għall-preżentata u s-smigħ tal-ilmenti

Ilment wara deċiżjoni.

30. Kull kandidat li jħossu aggravat b'xi deċiżjoni tal-entità tal-akkwist dwar il-proċedura ta' akkwist, inkluż kull deċiżjoni li tiskwalifika u, jew li teskludi xi kandidat mill-proċedura tal-akkwist, kull deċiżjoni ta' għotja ta' kuntratt, u kull inklużjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi, ekonomiċi jew finanzjarji f'sejħa għall-offerti, dokumenti ta' kuntratt jew f'kull dokument ieħor li għandu x'jaqsam ma' din il-proċedura, jista', fi żmien għaxart' (10) ijiem kalendarji mid-data tal-komunikazzjoni jew mid-data tal-publikazzjoni tad-deċiżjoni mill-entità tal-akkwist, jippreżenta lment fil-bini tal-entità tal-akkwist, li għandha minnufih twassal l-ilment lis-Segretarju tal-Bord.

Għall-finijiet ta' dan ir-regolament, "data tal-komunikazzjoni" tfisser il-ġurnata meta l-entità ta' akkwist tikkomunika deċiżjoni permezz ta' *fax*, jew b'mezz elettroniku lill-kandidati, jew fil-każ fejn il-kandidati għadhom m'humiex identifikati, fil-ġurnata meta l-entità tal-akkwist tikkomunika dik id-deċiżjoni fuq is-sit elettroniku tagħha.

Validità tal-ilment.

31. L-ilment imsemmi fir-regolament 30 ikun validu biss jekk:

(a) ikollu miegħu depożitu tal-ammont speċifikat mill-entità tal-akkwist fil-proċedura tal-akkwist, jew fil-każ ta' proċeduri ta' akkwist li jkunu bdew qabel il-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, fin-notifika maħruġa mill-entità tal-akkwist skont ir-regolament 6:

Iżda fl-ebda każ id-depożitu m'għandu jkun inqas minn elf u mitejn euro (€1,200) jew aktar minn tmienja u ħamsin elf euro

(€58,000); u

(b) ifisser b'mod dettaljat ir-raġunijiet għall-ilment u jkollu miegħu id-dokumentazzjoni kollha ta' sostenn.

Preklużjoni ta' prosegwiment tal-proċess tal-aġġudikazzjoni.

32. L-entità ta' akkwist m'għandhiex tipproċedi bil-proċess tal-aġġudikazzjoni u, jew bl-għotja tal-kuntratt, matul il-perjodu ta' għaxart (10) ijiem kalendarji konċess għall-preżentata tal-ilmenti, u, jekk ikun eventwalment ġie ippreżentat ilment, sakemm il-Bord ikun ħareġ id-deċiżjoni finali fir-rigward ta' kull ilment.

Proċedura.

33. Il-proċedura li għandha tiġi segwita meta jiġu preżentati u determinati lmenti għandha tkun kif ġej:

(a) kull deċiżjoni minn entità ta' akkwist għandha tkun pubblikata fl-uffiċċju tal-entità ta' akkwist u b'mezzi elettroniċi.

Jekk id-deċiżjoni tal-entità ta' akkwist tkun:

(i) l-iskwalifika, rifjut jew esklużjoni ta' kandidat, l-entità ta' akkwist għandha b'*fax* jew b'mezzi elettroniċi, tavża lill-kandidat involut b'sommarju tar-raġunijiet rilevanti li jkollhom x'jaqsmu mar-rifjut tal-kandidat;

(ii) l-għoti ta' kuntratt, l-entità ta' akkwist għandha b'*fax* jew b'mezzi elettroniċi, tavża lill-kandidati kollha li jkunu għadhom fil-proċedura tal-akkwist bl-għotja proposta u l-bażi tal-għotja;

(b) kull kandidat li jħossu aggravat bid-deċiżjoni tal-entità ta' akkwist għandu jippreżenta lment fi żmien għaxart (10) ijiem kalendarji skont id-disposizzjonijiet tar-regolament 30;

(ċ) l-ilment ippreżentat skont ir-regolamenti 30 u 31 flimkien mad-dokumentazzjoni kollha ta' sostenn għandhom jiġu notifikati lill-kandidat rakkomandat, jekk ikun hemm;

(d) fil-każ li jkun ġie propost l-għotja ta' kuntratt, il-kandidat rakkomandat għandu jkollu d-dritt li jippreżenta risposta għall-ilment ippreżentat mill-persuna li tkun għamlet l-ilment fi żmien għaxart (10) ijiem kalendarji minn meta jkun ġie notifikat bil-kopja tal-ilment. Ir-risposta għandha tiġi notifikata lill-persuna li tkun għamlet l-ilment;

(e) iċ-*Chairperson* għandu jiffissa d-data tas-smigħ

pubbliku kemm jista' jkun kmieni wara t-tmiem tal-perjodu mogħti lill-kandidati għall-preżentazzjoni tal-ilmenti kif hemm fir-regolament 30 jew, fil-każ ta' ilmenti minn proposta ta' għotja, wara li jgħaddi l-perjodu mogħti lill-kandidat rakkomandat kif hemm fil-paragrafu (d), skont kif ikun il-każ, u f'kull każ mhux iżjed tard minn tlett (3) ijiem tax-xogħol, u s-sessjonijiet kollha tas-smigħ pubbliku għandhom ikunu konklużi b'urġenza sa mid-data tal-ewwel smigħ;

(f) id-deċiżjoni tal-Bord għandha tingħata bil-miftuħ fi żmien tlett (3) ijiem tax-xogħol wara li ssir s-sessjoni finali tas-smigħ pubbliku u għandha tkun pubblikata fil-bini tal-entità ta' akkwist:

Iżda jekk il-Bord ma jkunx jista', għal raġunijiet validi, jagħti d-deċiżjoni tiegħu fil-perjodu stipulat, il-perjodu jiġi estiż għal perjodu ieħor ta' tlett (3) ijiem tax-xogħol;

(g) l-entità ta' akkwist għandha minnufih tagħti kopja tad-deċiżjoni tal-Bord lill-persuna li tkun ressqet l-ilment u lill-kandidat rakkomandat, jekk ikun hemm.

Każijiet meta kuntratt ikun dikjarat null.

34. Fir-reviżjoni tiegħu, u sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dawn ir-regolamenti, il-Bord għandu jikkunsidra kuntratt eżegwit mill-entità ta' akkwist ma' kandidat bħala bla effett, u b'hekk għandu jiddikjara l-kuntratt bħala null mid-data tad-deċiżjoni mill-Bord jekk:

(a) minkejja li jkun ġie preżentat ilment quddiem il-Bord, l-entità ta' akkwist tikkonkludi l-kuntratt qabel ma tingħata deċiżjoni finali mill-Bord;

(b) il-kuntratt ikun konkluż mill-entità ta' akkwist qabel it-tmiem tal-perjodu mogħti għall-preżentazzjoni tal-ilmenti kif previst fir-regolament 30.

TAQSIMA IV

Dritt għal Appell

Dritt ta' appell.

35. Kull kandidat li jħossu aggravat b'deċiżjoni meħuda mill-Bord skont dawn ir-regolamenti jista' jappella lill-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Superjuri), kif kostitwita skont l-artikolu 41(1) tal-Kap. 12. Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, fuq punt ta' liġi li joħroġ minn deċiżjoni finali tal-Bord, fi żmien għaxart (10) ijiem kalendarji mid-data tad-deċiżjoni finali tal-Bord.

VERŻJONI ELETTRONIKA

36. Rikors lill-Qorti tal-Appell skont ir-regolament 35 m'għandux jipprekludi jew idewwem lill-entità ta' akkwist milli timplimenta d-deċiżjoni finali tal-Bord. Rikors lill-Qorti tal-Appell m'għandux jipprekludi jew idewwem l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni finali tal-Bord.

37. F'kull appell imressaq quddiem il-Qorti tal-Appell skont ir-regolament 35, ir-rikorrent jista' jagħmel biss talba għal danni. Talba għal danni.

38. Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili m'għandhomx japplikaw fir-rigward ta' kull deċiżjoni tal-Bord. Esklużjoni tal-artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Kap. 12.